**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Attard**

Numru: 301/2009

Illum 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Attard**, bin Laurence u Mary neé Attard, imwieled nhar is-7 ta' Ottubru 1953, residenti fil-fond Maria Bambina, Triq John Otto Bayer, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 57953(G), akkuzat talli nhar il-5 ta' Novembru 2008 kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa Ta' Ghansar limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

[1] *A fol.* 7.

1. ezercita l-jedd li jippretendi li ghandu, abbuzivament u illegalment fixkel lil Martin Debrincat mill-Gharb fil-pussess ta' hwejgu;

2. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-12 ta' Settembru 2008 liema sentenza saret definittiva u tistax tigi mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2009 (*a fol.* 8B), id-difiza eccepiet r-*res judicata stante* li b'sentenza tat-12 ta' Settembru 2008 l-imputat gie misjub hati ta' *ragion fattasi* fuq l-istess mertu tal-imputazzjoni odjerna u rat ukoll illi, fl-istess seduta, il-Qorti diversament preseduta ordnat lid-difiza sabiex tipprezenta kopja legali tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Ghawdex) fid-data msemmija.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 15), il-Qorti diversament preseduta ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Ghawdex) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** deciza fit-12 ta' Settembru 2008.

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 17), gew allegati l-atti tal-kawza li ssir riferenza ghaliha hawn fuq, liema atti gew immarkati bhala Dok. "B" (*a fol.* 18 *et seq.*), f'liema seduta l-Qorti kif preseduta semghet is-sottomissjonijiet rigward l-eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mid-difiza u wara ghaddiet biex cahdet din l-eccezzjoni u ordnat l-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi, fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 181 *et seq.*), id-difiza talbet riferenza kostituzzjonali sakemm punt mqajjem minnha dakinhar jigi determinat, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 187 *et seq.*).

Rat illi fit-13 ta' Mejju 2013 inghatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) (*a fol.* 232 *et seq.*) fejn dik il-Qorti ddecidiet li l-proceduri mehuda kontra l-imputat Joseph Attard (il-

proceduri odjerni) ma jiksrux l-jedd tal-imsemmi imputat la taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 480 *et seq.*) fejn il-*parte civile* u d-difiza talbu lill-Qorti zmien f'liema zmien ikunu jistghu jipprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub, liema talba giet milqugha u gew iffissati termini, f'liema termini ma gie pprezentat xejn.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 493 *et seq.*) fejn il-konsulent legali tal-*parte civile* nfurmat lill-Qorti li dakinhar stess kienet ipprezentat in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, f'liema seduta l-Qorti estendiet it-terminu moghti lid-difiza sabiex tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 494) lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kien bi hsiebha taderixxi ma' dak ndikat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet prezentata mill-*parte civile*.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* (*a fol.* 496 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat (*a fol.* 506 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2009, gie pprezentat **affidavit ta' PS 664 Jason Xerri**, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 9). F'dan l-affidavit, PS 664 jghid li l-Pulizija rceviet kwerela datata 10 ta' Novembru 2008 (li tinsab *a fol.* 185) minn ghand Dr. Edward Gatt ghan-nom ta' Martin Debrincat fejn talab li jittiehdu passi fil-konfrnt tal-imputat peress li kellu xatba maghluqa f'Ta'

Ghansar f'limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex u kien qed ifixkel il-passagg liberu ta' l-imsemmi Martin Debrinat. Jghid li hu (PS 664) mar fuq il-post fejn ra x-xatba maghmula mill-hadid maghluqa. Jghid li l-imputat qallu: *"hemmhekk tieghi u hadd ma ghandu jghaddi minn hemm u jien kont irbaht kawza li kienet inqatghet mill-Qorti tal-Appell ta' Malta"* (*a fol.* 9).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2013, xehed **il-Perit Teddy Busuttil** (*a fol.* 256 *et seq.*) fejn qal li zmien ilu Martin Debincat kien tah permess biex jonsob fir-raba' tieghu (ta' Debrincat) u hu (Busuttil) kien imur jonsob hemm. Spjega kif kien jghaddi biex jghaddi ghall-mansab ta' Debrincat u jghid li dejjem kien hemm bicca hadida fl-entratura tal-barriera, hu kien inehhieha u jerga' jpoggieha. Jghid li mhux l-ewwel darba li l-imputat qallu li hu (Busuttil) kien qed jghaddi peress li hu (l-imputat) kien kuntent bih. Jghid li l-entratura tal-barriera kienet tispicca minn Triq il-Merill u kien jidhol gol-barriera tal-imputat. Jghid li mill-barriera kien jitla' ghall-mansab. Jghid li fit-tarf kien hemm ix-xatba li minnha kien jidhol gol-barriera. Giet ezebita pjanta mmarkata bhala Dok. "TB 1" (*a fol.* 261).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li fl-gheluq tat-triq kien hemm kanna li hu (Busuttil) kien jaqbad u jnehhiehha. Jghid li kien jerfaghha. Jghid ukoll li kien hemm ukoll tank tad-diesel vojt li huwa kien iressaq biex jghaddi. Jghid li x'hin jghaddi kien jerga' jaghlaqha. Jghid li dan kollu kien qabel is-sena 2002 u dana peress li issa ilu hafna ma jmur l-hemm.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Vincent Zammit** (*a fol.* 262 *et seq.*) fejn, meta gie mistoqsi jghid dwar ix-xoghol li ghamel fir-raba' ta' Martin Debrincat illi ghandu fl-inhawi hdejn il-barriera tal-imputat, wiegeb: *"Dak hemmhekk kont xehedt ilu zmien twil u minn dakinhar 'l hawn ma mortx izjed"* (*a fol.* 262). Jghid li Debrincat kien mar mieghu u kien dahal bit-*tractor* fil-proprjeta' ta' Debrincat. Jghid li dahal minn triq li hemm fejn il-knisja.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li fir-raba' ta' Debrincat mar jew darba jew tnejn. Meta gie suggeriet lilu li kien xehed fis-sena 2002, wiegeb li

ma jiftakarx. Wara li kkonferma li kien xehed, qal li qatt ma rega' mar hemm.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Franco Pisani** (*Principal Technical Officer* fil-*Planning Authority – a fol.* 265 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat ghandu barriera tal-franka fil-limiti ta' Dwejra, San Lawrenz. Spjega li kien hemm *bollard* li tista' timbottaha bl-idejn u ftit wara minn din il-*bollard* saru zewg pilastri u *gate* mizbugha safra u hadra. Jghid li kien hemm zmien twil li kienet tkun miftuha u kienu jidhlu bil-*four wheel drive* u meta ftit wara kienet tkun maghluqa kien jidhol minn wara u kienu jidhlu bir-rigel. Jghid li kienu rcevew ittra minn ghand l-avukati tal-bdiewa u hu (Pisani) kien ghaddieha lill-ufficju legali u fit-30 ta' Ottubru 2002 kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu hsieb jaghmel l-investigazzjoni fuqha. Din l-ittra giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "FP 1" (*a fol.* 275). Jghid li jekk tibqa' fil-moghdija in kwistjoni tibqa' sejjer sa fuq ir-rih tal-barriera.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-ewwel darba li mar fil-post in kwistjoni kien ghal habta tas-sena 2000. Jghid li dejjem jiftakar li kien hemm il-*bollard*. Jikkonferma li l-gewwa minnha kien hemm *gate*. Ma jiftakarx meta saret il-*gate*. Meta gie suggeriet lilu jekk jistghax ikun li fis-sena 2002, wiegeb: *"Xi haga hekk"* (*a fol.* 270). Jghid li meta l-*gate* kienet tinstab maghluqa, kienu jduru maghha. Mistoqsi ghala fl-ittra Dok. "FP 1" (*a fol.* 275), il-*gate* hija deskritta bhala illegali wiegeb hekk: *"kull zvilupp li huwa outside development zone trid tapplika ghal permess"* (*a fol.* 270). Ezebixxa pjanta li giet immarkata bhala Dok. "FP 2" (*a fol.* 286) fuq liema pjanta ndika bi vlegeg blu fejn huwa l-access. Fuq din il-pjanta, mentri l-entratura tal-barriera giet immarkata bl-inizjali "FP 1", il-barriera giet immarkata bhala "FP 2". Jghid li originarjament dan kien *footpath* u li issa saret triq. Il-*footpath* gie mmarkat bhala "XY". Jghid li l-*footpath* li jwassal ghall-entratura tal-barriera issa sar triq.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2013, xehed **Martin Debrincat** (*a fol.* 288 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li l-kwerela originali kienet saret minn certu Chalie Cauchi u dana peress li fis-7 ta' Jannar 2002 hu (Debrincat) kien kera lil Cauchi biex jaghmel mansab. Jghid li dan il-mansab kellu jaghmlu fl-ghalqa taghhom li jsibuha tal-

Ghansar go San Lawrenz. Jixhed li din l-ghalqa kienet giet ghandu peress li kien ghaddieha lilu (lil Debrincat) missieru u parti ohra minn ghand Frenc Cassar. Mistoqsi jghid kif kien jasal ghal din l-ghalqa jghid li kienu jghaddu minn Triq Wied Merill u tibqa' tasal sa fejnha. Tul id-depozizzjoni tieghu jaghmel riferenza ghall-*gate* u jghid li l-imputat qallu li minn hawn hu (Debrincat) ma kienx ser ikun jista' jghaddi izjed. Jghid li in segwitu ta' kwerela tat-31 ta' Ottubru 2002 kienet nfethet kawza fejn irrizulta li l-imputat ha l-ligi b'idejh. Jghid li din il-kawza giet konfermata anke fl-appell. Jghid li s-sentenza mill-Qorti tal-Appell inqaghet f'Settembru 2008 u wara din is-sentenza huwa mar fuq il-post in kwistjoni. Jghid li fil-5 ta' Novembru 2008, kien kellem lill-haddiem Dominic Camilleri li mar bit-*tractor* tieghu hu u ibnu biex jghaddu 'l hemm. Jghid li hu (Debrincat) qalilhom li kien sejjer jara jekk ix-xatba kienitx miftuha u malli ra x-xatba qalilhom li setghu jigu u meta ra haddiem gol-barriera u qallu biex icaqlaq it-trakk peress li kienu gejjin bit-*tractors* u ma setghux jghaddu, wara xi hin hargu t-tfal tal-imputat minn gol-barriera u ghalqu x-xatba. Jghid li Dominic Camilleri u ibnu daru lura. Jghid li mar jaghmel rapport l-Ghassa u wara li kkonsulta ma' Dr. Edward Gatt dan baghat ittra lill-Pulizija dwar dan il-kaz. Jghid li kull meta mar dejjem sab ix-xatba msakkra. Jghid li mindu nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, l-imputat kien jghidlu biex ma jidhlux gol-ghalqa. Jghid li fil-5 ta' Novembru 2008 meta marru biex jahdmu l-ghalqa ma thallewx jidhlu. Mistoqsi jghid jekk ghandux cavetta ghall-katnazz li jaqfel ix-xatba in kwistjoni wiegeb li minkejja li kien talabha lill-imputat, dan kien irrifjuta li jtih cavetta.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid meta talab din ic-cavetta lill-imputat, jghid li ma jiftakarx bl-amment pero jghid li jidhirlu li kien fl-24 ta' Ottubru 2002.

**Martin Debrincat** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 299) fejn ipprezenta d-dokumenti li xehed fuqhom fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2013 liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "MD 1" sa "MD 12" u l-prospett ta' liema dokumenti gie mmarkat bhala Dok. "XYZ" (*a fol.* 300 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-18 ta' Frar 2014 (*a fol.* 428 *et seq.*) meta gie mistoqsi jghid meta twahhlet ix-xatba in kwistjoni, jghid li ma jafx ezatt pero jghid li kien ghal bidu ta' Ottubru tas-sena 2002. Jikkonferma li din hija l-istess xatba li ghamel kawza civili dwarha. Mistoqsi jikkonfermax jekk mis-sena 2002 sa dakinhar li kien qed isirlu l-kontro-ezami jekk huwa qattx ghadda minn hemmhekk, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ghadda bil-mixi. Jghid li dakinhar tal-5 ta' Novembru 2008 Domenic u ibnu ma setghux jidhlu. Jghid li flimkien mal-Perit John Schembri, huma dahlu fl-ghalqa tieghu mit-triq ta' fuq. Jghid li ma ghaddewx minn fejn hemm ix-xatba. Jichad li l-passagg proprju tieghu ghal din l-art mhuwiex minn fejn ix-xatba pero huwa minn naha ta' fuq minn fejn ghadda mal-Perit Schembri. Mistoqsi jghid jekk ghandux xi kuntratt li juri li l-passagg tieghu huwa minn fejn hemm din ix-xatba, wiegeb li dan jirrizulta minn kuntratt tas-sena 1913 tan-nanna ta' missieru. Jaghmel riferenza ghal xi pagni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013, xehed **il-Perit John Schembri** (*a fol.* 419 *et seq.*) fejn qal li mar darbtejn ma' Martin Debrincat fuq il-post in kwistjoni: darba fl-1 ta' Novembru 2013 u darba fit-30 ta' Novembru 2013. Spjega li kien hemm xatba fit-trejqa li taghti ghall-ghelieqi ta' Debrincat u ma setghax jghaddi bil-vettura minnha ghax ix-xatba kienet maghluqa b'katnazz. Ikkonferma li x-xatba hija dik li tidher f'ritratti li jinsabu *a fol.* 80. Ghamel riferenza ghal rapport tieghu u *site-plan* tas-sena 1965 li gew ezebiti bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 423 *et seq.*) li jindikaw li kien hemm triq li tkun tista' tghaddi ghall-ghelieqi ta' Debrincat pero li issa giet imblukkata minhabba din ix-xatba. Jghid li t-trejqa li kienet taghti ghall-ghelieqi hija kollha mimlija *debris* u fdalijiet tal-barrieri li kienu thaffru wara s-sena 1965.

In kontro-ezami jghid li, bejn wiehed u iehor, ilu jaf lil Debrincat madwar sentejn u li fis-sena 2013 Debrincat kellmu fuq il-kwistjoni mertu tal-proceduri odjerni. Jghid li fid-darbtejn li mar fuq il-post in kwistjoni, darba minnhom mar wara nofsinhar u darb'ohra kien qed jidlam. Mistoqsi jghid jekk fid-darbtejn li mar, marx wara t-3.30pm, jghid li t-tieni darba kien wara t-3.30pm u l-ewwel darba ghal dak il-hin. Jghid li huwa dahal gol-ghalqa ta' Debrincat minn

fuq, minn Triq il-Merill u kellu jidhol bil-mixi. Jghid li ghadda minn trejqa li twasslek sal-ghalqa ta' Debrincat.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2014, xehed **Joseph Debrincat** (*a fol.* 433 *et seq.*) fejn xehed li qabel inqatghet is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma setghux jghaddu minn hemm peress li s-sid tal-barriera kien dejjem joggezzjona li huma jghaddu. Mistoqsi jghid minn fejn kienu jghaddu qabel kien hemm ix-xatba jghid li meta kien ta' età zghira kien imur ma' missieru u anke man-nannu tieghu u kienu jidhlu minn fejn kwazi hemm ix-xatba llum u jitilghu go moghdija li kienet qieghda magenb barriera, jitilghu matul il-barriera, jiksru mal-kantuniera ta' barriera u jispiccaw fl-ghelieqi li ghandhom hemm. Jghid li llum il-gurnata parti mill-moghdija ghadha hemm sal-lum pero m'hemmx access ghaliha peress li hemm ix-xatba. Jispjega li fil-5 ta' Novembru 2008 kien mar ma' haddiem certu Domenic Camilleri u kienu flimkien bit-*tractors* tieghu biex imorru jahdmu l-ghelieqi taghhom u f'hin minnhom hareg it-tifel tal-imputat li beda jghajjat u jinsulentah. Jghid li dan beda jghidlu li minn hemm ma kienx ser jghaddi. Jghid li kellu jdur lura.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li missieru, Martin Debrincat, ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Ikkonferma li gie li ghaddew ghar-raba' taghhom min naha ta' fuq.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014, xehed l-imputat **Joseph Attard** (*a fol.* 441 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-barriera f'Wied il-Merill jew tal-Ghansar ilha f'idejhom madwar hamsa u tletin sena. Jghid li xtraha minn ghand Victor Bigeni u li llum jahdumha t-tfal tieghu Louis, Terry u Lawrenz u xi kultant Mario. Jghid li ilha ghand it-tfal tieghu madwar hmistax il-sena. Jghid li hu jmur hemm xi darba kull tant zmien. Mistoqsi jghid jekk jafx meta twahhlet ix-xatba mertu tal-proceduri odjerni, jghid li din ilha mis-sena 2002. Jghid li kienu t-tfal li wahhlu din ix-xatba. Mistoqsi min minnhom, wiegeb: *"Louis u xi hutu jghinuh naqra"* (*a fol.* 443). Jghid li minn dakinhar sallum din ix-xatba ma tbiddlet qatt. Jghid li l-art ta' Debrincat tinsab 'l fuq hafna mill-barriera tieghu. Jghid li x-xatba hija mqatta' fil-blat u ilha minn meta kienet f'idejn Bigeni. Jghid li kompla jigi mqatta' l-blat u jnaddfu u johorgu l-blat il-barra, u jitfghu t-terrapien

biex ikunu jistghu jghaddu. Jghid li t-terrapien tefghuh mal-hitan tal-barriera. Jghid li hu (Attard) ghandu raba' magenb ir-raba' ta' Debrincat. Mistoqsi jghid minn fejn hu l-passagg ghar-raba' li hu ghandu magenb ir-raba' ta' Debrincat jghid li dan hu minn dak li jissejjah sqaq ta' Zoku. Jghid: *"jigi mit-triq tad-Dwejra qabel ma' taqbad it-Triq ta' San Lawrenz. Tghaddi minn wara l-knisja ta' San Lawrenz u tibqa' sejjer bejn l-Gharb u San Lawrenz fil-kantuniera. Qabel ma' terhi post ta' San Lawrenz, l-ahhar post, hemm l-isqaq ta' Zoku nghidulu. Minn hemm il-moghdija 'l isfel"* (*a fol.* 444). Jixhed li la lil Debrincat u anqas lil xi hadd iehor qatt ma rah jghaddi minn gol-barriera tieghu. Jghid li qabel ix-xatba kien hemm kanna li kienet imwahhla b'zewg hadidiet u kienet titla' u tinzel. Jghid li l-kanna kienet ilha hemm tul il-hamsa u tletin sena. Jghid li qabel l-entratura tal-barriera kienet maghluqa u din l-entratura saret billi gie mqatta' l-blat u saret il-fetha. Jghid li gie li kellhom katnazz ghal kanna li kien jitkisser imma dejjem maghluqa kienet fis-sens li hadd ma setgha jghaddi. Jghid li minn Bigeni hu xtara barriera li kienet tahdem u li kif tidhol fil-barriera kien hemm hofra. Mistoqsi jghid x'passaggi hemm illum il-gurnata jghid li hemm il-passaggi li ghamlu huma stess u dawn saru biex ikunu jistghu jghaddu ghall-barriera ohra li ghandu u li tinsab magenbha. Jghid li sar terrapien mal-faccata biex ikunu jistghu jghaddu 'l fuq u jaqbzu ghal gol-ohra. Jghid li ghamlu forma ta' triq kemm jghaddi trakk. Fir-rigward ta' dak li xehed il-Perit Busuttil, jghid li l-Perit Busuttil kien jghaddi minn hemmhekk peress li ghamlu t-trab biex jghaddi u kien jonsob gor-raba' tieghu stess (tal-imputat). Jghid: *"Il-Perit Busuttil minn hemm kien jghaddi. U mbaghad ma nafx x'gara kif kien jonsob in-naha ta' fuq. Forsi kien imur jonsob 'l fuq izjed u baqa' jghaddi minn hemm"* (*a fol.* 446). Jghid li kien ihalli lill-Perit Busuttil jghaddi minn hemm peress li kienu hbieb. Jghid li fil-kuntratt tieghu m'hemm l-ebda servitù jew xi rizerva li xi hadd ghandu jghaddi minn fuqu.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk fuq il-kuntratt tax-xiri tieghu hemmx *sketch* li turi kif kienet it-triq dakinhar u li t-triq kienet wiesgha madwar tletin pied, wiegeb: *"Ma nghidlekx xejn ghax ma kinix minn hemm it-triq"* (*a fol.* 447). Jghid li t-triq saret minhabba t-terrapien li ghamlu huma. Jichad li fuq il-kuntratt fejn hu xtara hemm *sketch* li turi li t-triq kienet tletin pied. Jichad li minn tletin pied illum it-triq saret hmistax il-pied. Ghad-domanda: *"Jekk*

*nghidlek li fuq dan il-kuntratt li int akkwistajt minghand Victor Bigeni l-Hobza […] kien hemm illi ghandhom jghaddu terzi persuni minn fuq ir-raba'"* (*a fol.* 448), wiegeb: *"Ma setax jghaddi, ha jitla' s-sies!?"* (*a fol.* 448). Mistoqsi jghid jekk qabel ma akkwista l-barriera minn ghand Bigeni hu stess kien jghaddu minn fuq ir-raba' ta' Bigeni biex jasal ghall-barriera l-ohra tieghu, wiegeb: *"Imma mhux mill-gate tieghu kont nghaddi"* (*a fol.* 448). Jghid li anqas Ganni Mizzi tas-Swejs ma kien jghaddi mill-ghalqa li hu xtara minn ghand Victor Bigeni. Jghid li hu ma ghandux toroq blukkati. Ghad-domanda: *"Ma pruvajtx tibblokka t-triq bit-terrapien int?"* (*a fol.* 450), wiegeb: *"Fejn ghandi t-terrapien qieghed go hwejgi, go tieghi. Kullimkien. Gol-proprjeta' tieghi"* (*a fol.* 450). Jerga' jirrepeti li hemm ma jezistux toroq u jghid li t-toroq ghamluhom huma. Jghid li minkejja li aktar kmieni xehed li l-barriera tinsab f'idejn it-tfal tieghu, jghid li kuntratt ma ghamilx u li ghadu jghajjat kollox lilu. Jghid li x-xatba li huwa stess qal li saret fit-8 ta' Settembru tas-sena 2002, hu kien jaf biha peress li meta saret inzerta hdejn it-tfal tieghu. Jghid li ma waqqafhomx milli jaghmluha peress li din saret go hwejjgu. Jghid li ma jafx li l-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet li x-xatba kienet saret illegalment. Mistoqsi jghid ghala ma nehhiex ix-xatba, wiegeb: *"Ghax hallejtha hemm, go taghna"* (*a fol.* 452). Jghid li din ghadha hemm sa issa u ghadha bil-katnazz. Jghid li Martin Debrincat ma jistax jidhol minn hemm u li m'ghandux dritt jghaddi. Jghid li hadd ma jista' jghaddi minn hemm u jzid jghid: *"Jghaddi minn fuq. Ghax jien ghandi r-raba' magenbu, mixtri magenbu, u l-moghdija tieghi qieghed minn hemm fuq nett"* (*a fol.* 453).

In <u>ri-ezami</u> jghid li hadd ma ghandu dritt jghaddi minn hemm.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll **Louis Attard** (*a fol.* 454 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-imputat huwa missieru. Jghid li l-barriera tal-Ghansar hija ta' missieru u fiha jahdmu hu (Louis Attard) u hutu. Jghid li missieru ilu li refa' minn go fiha madwar tlettax/erbatax il-sena. Jghid li x-xatba twahhlet fis-sena 2002 fil-festa tal-Vitorja. Jghid li kienu hu u huh Terry li wahhluha. Jghid li fuq iz-zewg nahat tax-xatba hemm is-sisien u li x-xatba tinsab fil-blat u li qabel ix-xatba kien hemm kanna. Jghid li mindu twahhlet ix-xatba, din baqghet l-istess u qatt ma nbiddlet. Jghid li madwar tlitt jew erba' snin ilu Martin Debrincat mar biex jghaddi minn

hemm u hu (Louis Attard) ma halliehx. Jghid li flimkien ma' Martin Debrincat kien hemm zewg persuni ohra. Jghid li hekk kif tiftah ix-xatba tigi go hofra. Jghid li ghamlu r-rampi bit-terrapien stess biex jghaddu minn barriera ghall-ohra u li din ghamluha huma stess. Jghid li ghandhom raba' li tmiss mar-raba' ta' Debincat u li d-dritt ta' passagg huwa minn naha ta' fuq.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jafx min ghandu jghaddi mir-raba' ta' Maria Ursola Portelli pero jghid li fuqha ma kienx hemm moghdijiet. Jichad li Debrincat ried jghaddi minn gol-barriera taghhom minn isfel. Jikkonferma li Debrincat jippretendi li jghaddi minn fuq ir-raba' li kienet qabel ta' Victor Bigeni. Jghid li Debrincat minn gol-barriera ma kienx jghaddi. Jghid li x-xatba ghamluha minhabba l-perikolu u li l-kanna dejjem hemm jafha hu. Jghid li l-kanna kienet titla' u tinzel u kienet tinqafel ukoll. Jghid li missieru kellu c-cavetta taghha u li magenb il-kanna ma kienx hemm moghdija vojta biex jghaddu n-nies. Ikkonferma li x-xatba hija dik li tidher f'ritratti *a fol.* 392 u f'Dok. "MD 10". Jghid li huma ghandhom c-cavetta tal-katnazz li jidher u lil Martin Debrincat ma tawhx cavetta. Jghid li mhux fil-hsieb taghhom li jnehhu din ix-xatba jew li jaghtu c-cavetta lil Martin Debrincat.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, xehed **Joseph Caruana** (*a fol.* 465 *et seq.*) fejn qal li ghandu xi raba' qrib l-imputat u Martin Debrincat. Jghid li l-imputat ghandu l-barriera. Jghid li r-raba' tieghu (ta' Caruana) ilha gejja minn nanniet. Jghid li din ir-raba' issa tintuza ghall-kacca u l-insib. Jghid li missieru kien jghidlu li l-moghdija tar-raba' tieghu kienet mill-entrata ta' Zoku, mit-Triq tal-Wileg. Jghid li r-raba' ta' Martin Debrincat tinsab eqreb lejn is-Sqaq taz-Zoku. Jghid li ghar-raba' tieghu (ta' Caruana) huwa ghandu dritt jghaddi minn fuq. Jghid li l-imputat jghaddi minn Wied Merill ghall-barriera u li fil-bidu tal-barriera ghandu xatba. Jghid li din ilha hafna mwahhla u li m'huwiex cert jekk qabel ix-xatba kienx hemm xi hadida.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li huwa ghamel zmien msiefer. Jghid li mindu gie mill-Awstralja fis-sena 1976 imur ta' spiss fir-raba'. Ghad-domanda: *"Jigifieri inti ghalkemm ghidt illi tghaddi minn tal-Wileg jew minn ta' Zoku, gieli ghaddejt minn Triq Wied Merill u tasal*

*ghall-ghalqa tieghek minn Triq Wied Merill?"* (*a fol.* 471), wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid jekk meta l-imputat ghamel ix-xatba, hu (Caruana) giex imxekkel milli jidhol fir-raba' tieghu jghid li meta jidhlu bil-vettura ghal xi haga, juzaw ic-cavetta li giet moghtija lilu mill-imputat. Ghad-domanda jekk din ic-cavetta gietx moghtija lilu mill-imputat ghax qabad u tahielu l-imputat jew jekk talabilux hu (Caruana) jghid li ma jiftakarx.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Anthony Formosa** (*a fol.* 475 *et seq.*) fejn spjega li ghandu r-raba' f'San Lawrenz u li l-imputat ghandu l-barriera u li Martin Debrincat ghandu xi ghelieqi. Jghid li ilu jmur fir-raba' tieghu mindu kellu erbatax il-sena u li llum ghandu sittin sena. Jghid li ma' Martin Debrincat gie li ltaqa'. Mistoqsi jghid jekk ir-raba' tieghu (ta' Formosa) tinsabx 'l fuq minn Attard jew 'l isfel minn Attard, wiegeb: *"Il-fuq minn Attard"* (*a fol.* 476). Jghid ukoll li tinsab magenbu. Jixhed li ghar-raba' tieghu (ta' Formosa) jidhol minn moghdija li hemm minn naha ta' fuq. Jghid li l-barriera tal-imputat ma tintrifisx minnhom u li madwar hmistax il-sena ilu l-imputat ghamel xatba fin-naha ta' quddiem tal-barriera tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li jiftakar l-barriera tal-imputat bhala ghalqa. Jikkonferma li l-konfini ta' din l-ghalqa kienu jidhru u dana peress li kien hemm il-hitan tal-ghelieqi.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015, xehed **Peter Zammit** (*a fol.* 482 *et seq.*) fejn qal li ghandu xi raba' fejn il-barriera tal-imputat u jghid li din ilha f'idejh (f'idejn Peter Zammit) hmistax il-sena. Jghid li r-raba' tieghu ma tmissx mat-triq. Jghid li huwa dejjem dahal ghalih mill-isqaq, minn naha ta' fuq. Jghid li Martin Debrincat ghandu raba' li tmiss ma' tieghu (ma' ta' Peter Zammit). Jghid li r-raba' ta' Martin Debrincat tinsab magenbu u 'l isfel minnu. Jghid li lil Martin Debrincat qatt ma rah fl-art tieghu pero jghid li ra lit-tifel tieghu. Jghid li hu (Peter Zammit) qatt ma ghadda minn gol-barriera tal-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li akkwista l-art in kwistjoni b'wirt. Ghad-domanda: *"Ix-xatba li ghandu Attard hemmhekk, sewwa, f'dawn il-*

*hmistax (15) il-sena, kemm ilek tafha hemmhekk din ix-xatba?"* (*a fol.* 486), wiegeb: *"Ma nafx; jien qatt ma nzilt hemm isfel"* (*a fol.* 486).

In ri-ezami mistoqsi jiddeskrivi l-passagg li qal li jghaddi minnu hu, wiegeb: *"nghaddu minn gol-ghalqa, m'hemmx passaggi. Jigifieri t-triq niezla, l-entrata niezla dejqa mit-triq il-principali, imbaghad taqa' go bicca moghdija ma fihiex konkos, u nidhlu minn go fiha ghal gol-ghalqa, jien nidhol jien jigifieri, issa haddiehor ma nafx minn mnejn jidhol"* (*a fol.* 486). Mistoqsi jghid kemm hi wiesgha, jghid li jghaddi *tractor*.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015, xehed ukoll **Joseph Grima** (*a fol.* 488 *et seq.*) fejn qal li hu u hutu ghandhom raba' qrib l-imputat u Martin Debrincat. Jghid li din ir-raba' kien jahdimha hu u ilu ma jahdimha l-fuq minn tletin sena. Jghid li xi kultant ghadu jghaddi minn hemm. Mistoqsi jghid minn fejn jghaddi hu biex jidhol ghar-raba' in kwistjoni, wiegeb: *"Jiena nghaddi, hemm triq, insibuha Triq taz-Zoku, ma' genb taz-Zoku u ninzel minn go fiha, hemm passagg"* (*a fol.* 489). Jghid li r-raba' in kwistjoni tinsab 'l fuq mir-raba' ta' Debrincat u li l-barriera tal-imputat tinsab iktar 'l isfel.

In kontro-ezami jikkonferma li r-raba' tieghu tinsab aktar qrib it-triq li semma milli lejn il-barriera. Jghid li ma jaf b'xejn rigward ix-xatba li ghamel l-imputat jew min ghandu jghaddi minn fuq ir-raba', illum barriera, tal-imputat u kif ghandu jghaddi.

In ri-ezami, ghad-domanda: *"L-art tieghek li semmejtilna qieghda qrib it-triq, minn fuq l-art tieghek jghaddu nies?"* (*a fol.* 491), wiegeb: *"Iva, hemm passagg"* (*a fol.* 491).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni qed jigi akkuzat bir-reat ta' *ragion fattasi* u taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigi akkuzat li huwa recidiv.

Illi bejn il-*parte civile* u l-imputat kien hemm proceduri ohra gudizzjarji, li anke lahqu l-istadju tal-appell. *Di fatti* jirrizulta li l-imputat kien gie misjub hati ta' imputazzjoni simili ghall-ewwel (1) imputazzjoni f'kawza ohra li ghaddiet in gudikat.

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna x-xatba li jinghad li saret mill-imputat. Il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti u mill-mod kif dawn gew prodotti jirrizulta li t-tiketta bejn il-kwerelant u l-imputat ilha ghaddejja ghal diversi u diversi snin. Bir-rispett kollu lejn il-partijiet, din m'hijiex xi kawza civili fejn il-Qorti trid tidhol biex tezamina d-drittijiet rispettivi spettanti lill-partijiet u ghalhekk tezamina kuntratti, dokumenti u pjanti minn fejn jista' jidderiva dana t-titolu. Dana l-ezercizzju jispetta lil qrati civili u l-partijiet ma jistghux juzaw il-qrati ta' gurisdizzjoni penali sabiex jiksbu xi dikjarazzjoni dwar min ghandu titolu o meno. Hawnhekk, il-kwerelant, l-ewwel u qabel kollox, jenhtieglu jgib prova dwar dak li jallega u cioé dwar il-kummissjoni tal-att spoljattiv da parti tal-imputat.

Illi, fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, trid issir il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-kummissjoni o meno tal-att minn naha tal-imputat, li tista' twassal ghal sejbien ta' htija.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[2]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi diversi xhieda mismugha minn din il-Qorti jaghmlu riferenza ghal dak li huma konxji tieghu fis-sena 2002. Apparti minn dan, mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputat wahhal xi xatba fid-dati ndikati fic-*charge sheet* (cioé fil-"05.11.2008 kif ukoll fix-xhur ta' qabel"). Ma jirrizultax li x-xatba li ssir riferenza ghaliha fil-proceduri odjerni mhijiex l-istess xatba li kienet tirrigwarda s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Jannar 2008 (*a fol.* 100 *et seq.*)

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminal fit-12 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 173 *et seq.*).

Illi ma jirrizultax li s-sentenza hawn fuq imsemmija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ordnat lill-imputat sabiex inehhi dak li huwa ghamel u li nstab hati tieghu. Kif inghad, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija, ikkonfermat dak li ddecidiet il-Qorti tal-Magistrati.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputat kkommetta r-reat ta' *ragion fattasi* skond l-ewwel (1) imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi *stante* li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ma tistax tinsab htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat ukoll mit-tieni (2) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Joseph Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**